Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL- ĦAMES LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 5 ta' Ġunju 2012

**Ħin:** Mis-19.10pm sad-21.03pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tar-Raba' laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tar-Raba' laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier S. Gatt xtaq jagħmel korrezzjoni fuq item Nru 8 "Korrispondenza" fejn hemmhekk iridu jissemmew is-Sorijiet tal-Bon Pastur u mhux Sorijiet tal-Karita'. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku s-Sur J. Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**Sospensjoni biex tinbidel l-Ordni tax-Xogħol**

Is-Sindku talab biex tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 4 tal-aġenda qabel xogħol ieħor. Din għaddiet unanimament u l-Kunsill għadda biex jiddiskuti *item* 4 tal-*agenda*.

**4. Mozzjoni Nru 40 tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara rigward il-problema ta' pparkjar fi Triq Papa Alessandru VII**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra diversi korrispondenza li ntbgħatu mir-residenti li joqogħdu fi Triq Papa Alessandru VII rigward il-problema tal-parking. Inkluza wkoll ma' din il-korrispondenza hemm l-ittra li ntbgħatet mill-Professur Josette Camilleri. Huwa qal li fost affarijiet oħra l-problema qed tiġi kawżata mill-ħaddiema li jaħdmu ġewwa Casa Antonia fejn saħansitra l-Kunsill kien intervjena u kellu laqgħa mal-*management* tal-kumpless fejn dawn minn naħa tagħhom kienu ħarġu *memo* lill-ħaddiema f'dan ir-rigward imma jidher li dan ma sewa għal xejn. Is-Sindku kompla qal li minħabba l-fatt li ma jeżistux '*parking bays*' il-Kunsill ma jistax jinforza legalment biex isolvi din il-problema. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara sostna li

l-Kunsill għandu jerġa jissokta t-taħdidiet mal-*managemnent* ta'din id-dar. Is-Sindku ma kellu ebda oġġezzjoni li dan isir u terġa' tinkiteb ittra oħra pero' xtaq jirrimarka li għandu d-dubji tiegħu kemm ħa jkun hemm żviluppi pożittivi minħabba ir-restrizjonijiet ta' l-infurzar.

Fuq il-kwistjoni tal-linji sofor is-Sindku qal li skont il-liġi fejn hemm garaxxijiet jista' jkun hemm linja safra sa metru mill-koxxa tal-garaxx fuq kull naħa. Oltre minn dan hija kontra l-liġi u għandu jitneħħa. Is-Segretarju għandu jiċċekkja f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Zammit Marmara qal li hemm ukoll parapetti (*drive-in*) li quddiemhom hemm linji sofor. Is-Sindku wieġeb li sakemm il-karozzi jkun pparkjati ġewwa d-*drive in* u mhux il-barra fit-triq mhux qed isir l-ebda illegalita'.

Għalhekk fid-dawl kollu ta' dak li qed jingħad mir-residenti inkluza l-ittra tal-Professur J. Camilleri fejn qed tallega li l-Kunsill mhux qed jindirizza din il-problema fejn ukoll saħansitra allegat li l-Kunsill qed jiddiskrimina bejn triq u oħra fil-lokalita' ta' Ħal Balzan kif ukoll peress li m'hemmx *parking bays* u dan jorbot idejn il-Kunsill, is-Sindku kien qed jipproponi u tgħaddi għall-vot tal-Kunsilliera li għandha tinkiteb formalment ittra lill-Transport Malta biex jagħtuna l-opinjoni tagħhom fuq il-ħtieġa li jkollna '*parking bays*' f'din it-triq kif ukoll l-implementazzjoni ta' Parking Residjenzjali. F'din is-sistema għandhom jiġu inklużi t-toroq ta' San Valentinu u Triq Sisner. Huwa qal li kemm il-darba prova jispjega lir-residenti li wrew l-għadab tagħhom x'jistgħu ikunu l-implikazzjonijiet ta' dawn il-'parking bays' minħabba l-wesgħa tat-triq imma milli jidher din intesiet u kultant żmien terġa' tqum din il-kwistjoni.

Din il-proposta għaddiet għal vot tal-Kunsill fejn il-Kunsilliera, is-Sur Desmond Zammit Marmara, is-Sur Stephen Gatt u is-Sur Guido Borg kienu favur u astensjoni mill-Viċi Sindku s-Sur Joseph Galea. Għalhekk din il-proposta għaddiet u ġiet approvata.

## 2 <u>Mill-Minuti</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kiteb lura lis-sidien tal-bini li fiħ jinsab il-Kunsill fejn ċaħad b'mod kategoriku li qatt ma nstalla apparat ta' arja kundizzjonata jew xi apparat ieħor.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li ġie kkuntattjat il-Kapillan tal-Parroċċa u aċċetta li jibdew isiru il-lezzjonijiet ta' l-*Aerobics* ġewwa s-Sala ta' L-Aurora.

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kiteb lill-Green Pak biex jara' x'tip ta' infurzar jista' jsir fejn il-Bring In-Site ta' Wied Ħal Balzan pero'sfortunatament sa' llum għadna ma ġejniex infurmati. Huwa ser ikompli jsegwi l-iżviluppi tagħha.

## 3 <u>Management Letter 2011</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tal-25 ta' April 2012 u risposta *draft* li ġġib id-data tal-5 ta' Ġunju 2012 (mehmuż). Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona r-risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni. Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 5 <u>Korrispondenza</u>

**Ittra Nru. 1904/12**: Ittra mingħand Kummissjoni Żgħazagħ Balzan dwar attivita' organizzata ser ssir fl-4 ta' Lulju 2012 fi Pjazza Bertu Fenech. Il-Kunsill minħabba l-proġett li għaddej bħalissa kif ukoll li din l-attivita' tista' teffettwa t-Trasport Pubbliku, s-Segretarju għandu jinforma lilhom biex jekk jista' jkun din l-attivita ssir fi Triq Annunzjata

**Ittra Nru. 1918/12**: Email mingħand is-Segretarju tal-Kazin tal-Banda San Gabriele fejn is-sid tad-dar numru 114, Triq Il-Kbira kien qed joġġezzjona li jitwaħħal vent quddiem il-propjeta' tiegħu għax kellhom jiġu xi ħaddiema jaħdmulu fid-dar. Il-Kunsill fakkar li skond il-*policy* tal

Kunsill ma jistgħux joħorġu permessi biex isiru xogħolijiet minn tlett ġimgħat qabel il-festa u sa ġimgħa wara. Il-Viċi Sindku Joe Galea qal li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom u li l-problema ġiet solvuta.

**Ittra Nru. 1935/12**: Ittra mingħand is-Sur Adrian Sammut f'isem 'The New Choral Singers' biex il-Kunsill jagħti donazzjoni ta' € 200 biex tittella attivita' fl-okkazzjoni tar-restawr fuq xogħolijiet tal-pitturi ta' Emvin Cremona.

Peress li skont il-liġi ma' tista' tingħata l-ebda donazzjoni, is-Sindku informa lill-Kunsill li din-l-għotja ser tingħata minnu personali pero' xorta jixtieq li l-emblema tal-Kunsill tidher fil-fuljett li ser joħroġ apposta għal din l-okkażjoni.

**Ittra Nru. 1949/12**: Il-Kunsill irċieva mill-MEPA notifika rigward applikazzjoni nru PA/01275/12 fit-2 ta' Ġunju 2012 fejn ser isiru xi alterazzjonijiet fil-post ex "Villa Pisani" kif ukoll minn post residenzjali għal ambaxxiata li jinkludu uffiċini fi Triq l-Imdina kantuniera ma' Triq San Franġisk.

Is-Sindku sostna li l-akbar problema hemmhekk ħa tkun l-impatt fuq il-parking f'dawk l-akwati hekk kif diġa' hemm ħdejn l-Ambaxxiata Libjana. Il-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt staqsa dwar il-possibilita' li r-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw temporanjament mal-ġenb tal-*boundary wall* li qed idawwar din il-propjeta'. Is-Sindku wieġeb li l-karreġġjata ma tippermettix li jsir dan. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-uniku permess li kien ħareġ mill-Kunsill kien għal *boundary wall* temporanju sakemm jitlesta l-ewwel sular tal-post msemmi u dan sar. Is-Sindku wieġeb li fid-dawl ta' din l-applikazzjoni l-ġdida minħabba li hemm talba biex il-propjeta' tinbidel f'ambaxxiata trid tittieħed in konsiderazzjoni l-għoli tal-ħajt minħabba sigurta' u għalhekk sakemm tiġi deċiża mill-MEPA il-Kunsill għandu jdejh marbutin u ma jista' jsir xejn.

**Ittra Nru 1950/12**: Resident qed jilmenta dwar l-istat ħażin tat-triq f'Old Railway Road li x-xogħol ta' patching minn naħa tal-Kunsill m'hux qed iservi għal xejn u li għandu jsewwi l-ħafna xquq, toqob u dislivelli. Il-Kunsill bil-fondi li għandu f'idejħ, kull ma jista' jagħmel hu dak li qed jagħmel. Huwa konxju tal-fatt li dik it-triq trid terġa' tiġi mibnija mill-ġdid pero' l-fondi ma jippermettux dan u ħa jkompli jinsisti mal-Gvern Ċentrali biex din issir minnu allavolja din it-triq taqa' taħt il-Kunsill Lokali.

**Ittra Nru. 1953/12**: Ittra mingħand l-Avukat Maria Cardona f'isem il-konjuġi Nazzareno u Monica Meli li joqgħodu 1 u 3 fi Triq San Gabriel Ħal Balzan dwar il-periklu għalihom li qed joħolqu il-parking bays għax ma jkunux jistgħu jaraw il-karozzi li jkunu ġejjin miż-żewġ naħat tat-triq.

Il-Kunsill għandu jikteb lill-Avukat fejn jinfurmah li f'Diċembru 2011 inkitbet ittra lill-Transport Malta biex jiġi kkunsidrat li jiġi implimentat Traffic Management f'dawk l-inħawi inkluża Triq San Gabriel, Triq B.Bontadini u Triq Kanizzatta li jinkludi sinjali ta' traffiku one ways kif ukoll saru xi emendi fl-applikazzjoni biex in-No Entries li hemm bħalissa fi Triq San Gabriel jinżlu ftit metri l'isfel u jiġu mwaħħla fi Triq B. Bontadini kantuniera ma' Triq Il-Kannizzata.

**Ittra Nru 1955/12**: Ittra mingħand il-Kumissjoni Żgħażagħ tal-Parroċċa li ser jorganizzaw diversi logħob għat-tfal fl-4 ta' Lulju u qed jitobu li l-Kunsill b'kollaborazzjoni magħhom f'din l-attivita' joħroġ is-somma ta' € 200. Il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta.

## 6 <u>Komunikazzjoni tas-Sindku</u>

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni x'jagħti

## 7 Rapport dwar l-Ilmenti

Il-Kunsill ser jiddiskuti l-ilmenti fis-seduta li jmiss ta' Kunsill Lokali.

## 8 Approvazzjoni biex isir il-ħlas

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-5 ta'Ġunju 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 11953.53

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ Kunsilliera biex nuru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012 kien ser jagħlqu is-sottomessjonijiet tat-tenders għal ġbir ta' skart goff kif ukoll għaż-żamma u tindif tal-latrina Pubblika u li jrid jinħatar Bord ta' Evalwazzjoni.

Għaldaqstant il-Kunsilliera s-Sur Desmond Zammit Marmara, is-Sur Stephen Gatt, is-Sindku Dr. John Zammit Montebello u s-Segretarju Eżekuttiv ġew maħtura u ser iservu fuq dan il-Bord.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand il-Group G4S li jagħtuna s-servizz ta' Cash Collection li minn Lulju 2012 il-ħlas ser jiżdied minn € 6.75 kull ġabra għal €15 VAT eskluża. Għalhekk is-Segretarju ġie mqabbad biex jitlob għal tlett quotations biex jaraw l-aħjar offerta.

## 9 Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' informa lill-Kunsill li wara laqgħa li kellu tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Pubblikazzjonijiet qed jipproponu li fil-15 ta' Settembru 2012 jorganizza attivita' interkulturali bi stands ta' ikel differenti minn pajjiżi differenti bis-sehem ukoll taż-Żgħażagħ tal-Parroċċa kif ukoll ikun hemm parteċipazzjoni mill-Baned tal-Lokal. Huwa qed jikkalkula li din l-attivita' tiġi tiswa bejn wieħed u ieħor €2100. Il-Kunsill approva li ssir din l-attivita.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ġunju 2012 fil-17.00pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data